# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 32**

**Rikors numru 1086/18/1 RGM**

**Joseph Grima**

**v.**

**Id-Direttur Ġenerali fuq il-Valur Miżjud**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis-26 ta' Novembru 2020 li biha ċaħdet it-talba tiegħu sabiex jiġi dikjarat li l-konvenut m'għandux it-titolu eżekuttiv li jippretendi fl-ittra uffiċjali tat-22 ta' Ottubru 2018 bin-numru 3700/2018[1] u li għalhekk ma jistax jipproċedi bil-ħruġ ta' mandati eżekuttivi kontrih in konnessjoni mal-istess.

[1] Effettivament in-numru ndikat fuq l-ittra huwa 370/2018.

2. Il-fatti l-iktar rilevanti huma dawn:

2.1. Fit-12 ta' Ġunju 2007 l-attur applika għar-reġistrazzjoni tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud u ddikjara li l-indirizz tiegħu hu: "*Redentur House, Triq il-Kosbor, Żebbuġ*"[2];

2.2. Maż-żmien, l-attur *inter alia* għamel id-denunzji tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-perjodi li jibdew 10/07/2016, 01/10/2016, 01/01/2017, 01/04/2017[3] iżda t-taxxa relattiva ma tħallsitx. L-indirizz fuq imsemmi kien stampat f'kull waħda mid-denunzji;

2.3. Il-konvenut aċċetta l-ammonti dikjarati mill-attur u ma għamel l-ebda stima proviżorja/stima fir-rigward[4];

2.4. Billi t-taxxa dikjarata bħala dovuta fuq dawk id-denunzji baqgħet mhux imħallsa, b'ittra datata 6 ta' Lulju 2018 id-Direttur (illum Kummissarju tat-Taxxi) sejjaħ lill-konvenut għall-ħlas ta' €151,126.48, liema somma tirrappreżenta taxxa dovuta għall-imsemmija perjodi u imgħax fuqhom kif spjegat f'rendikont (*statement of taxpayer's account)* mehmuż ma' dik l-ittra. F'din tal-aħħar jingħad ukoll illi "*this*

[2] Fol. 44.
[3] Fol. 80-83.
[4] Fol. 34 *et seq*.

*notice is being issued in terms of Article 59 of Chapter 406 of the Laws of Malta"*[5]*;*

2.5. L-ittra u r-rendikont intbagħtu lill-attur permezz tal-posta reġistrata fl-indirizz minnu mogħti lid-Dipartiment u skont l-*advice of receipt* tal-posta ġew ikkonsenjati fis-26 ta' Lulju 2018.[6] Iffirmat għalihom omm l-attur[7];

2.6. Il-ħlas baqa' ma sarx;

2.7. Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fit-22 ta' Ottubru 2018, il-konvenut sejjaħ lill-attur għall-ħlas fi żmien jumejn ta' €151,126.48 rappreżentanti dak dovut minnu skont il-Kap. 406, bl-ispejjeż u imgħax skont il-liġi.[8] Fiha ġie speċifikat illi:

> *"Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, imma mhux esklussivament, sabiex trendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Direttur Ġenerali fuq il-Valur Miżjud kontrik permezz ta' l-Avviż notifikat lilek".*

2.8. F'din il-kawża l-attur qiegħed jilmenta illi l-konvenut m'għandux titolu eżekuttiv għaliex hu, "*qatt ma gie notifikat validament bl-istima, bl-avviz, bin-nota ta' talba għall-ħlas, u, addirittura, bl-ittra ufficjali*

[5] Fol. 18.
[6] Fol. 33.
[7] Fol. 38.
[8] Fol. 6.

*promutorja*" kif ukoll għaliex, skontu, "*l-istima u l-avviz li allegatament saru mill-konvenut fil-konfront tal-attur ma sarux validament u skond il-ligi billi jidher illi dawn inhargu mill-konvenut kontestwalment u f'cirkostanzi fejn minkejja li, permezz tal-avviz, l-attur gie interpellat sabiex ihallas l-ammont allegatament dovut fi zmien hamest (5) ijiem, l-istess attur, fil-verita', kellu tletin (30) jum sabiex, skond id-dritt moghti lilu mill-ligi, jikkontesta l-istima msemmija*". Jgħid għalhekk li l-konvenut ma jistax jipproċedi bil-ħruġ ta' mandati kontrih.

3. B'rikors maħluf preżentat fil-31 ta' Ottubru 2018 l-attur talab lill-Qorti sabiex:

> *"I. TIDDIKAJRA li l-konvenut m'ghandux, fil-konfront tal-attur, it-titolu ezekuttiv minnu vantat fl-ittra ufficjali tat-22 t'Ottubru 2018, ossija ittra ufficjali numru 3700/2018, u konsegwentement l-istess konvenut m'ghandu l-ebda jedd illi jipprocedi, kontra l-attur, bil-hrug ta' mandati ezekuttivi in konnessjoni mall-kreditu minnu vantat, fil-konfront tal-istess attur, fl-ittra ufficjali msemmija".*

4. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fit-23 ta' Jannar 2019[9], il-konvenut wieġeb:

> *"ILLI preliminarjament id-Direttur konvenut gie notifikat bir-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna fis-sittax (16) ta' Jannar 2019;*
>
> *ILLI permezz tal-ittra ufficcjali bin-numru 370/18 intavolata t-tnejn u ghoxrin t'Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (22/10/2018), id-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud interpella lil Joseph Grima sabiex fi zmien jumejn min-notifika tal-istess ittra ihallas l-ammont dovut ta'*

[9] Fol. 13.

*mija u wiehed u hamsin elf u mija u sitta u ghoxrin Ewro u tmienja u erbghin Ewro centezmu (€151,126.48) rapprezentanti ammont dovut minnu f'ismu personali bhala taxxa fuq il-Valur Mizjud skont l- Art. 59 tal-Att XXIII tal-1998, bl-ispejjez u bl-imghax skont il-ligi minn meta l-ammont de quo kien dovut sad-data ta' pagament effettiv, liema interpellanza saret ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi biex tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu l-istess Direttur Generali fuq il-Valur Mizjud kontra l-attur;*

*ILLI l-ittra ufficjali surreferita intbaghtet ai termini tal-Art. 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u din wara li inharget Avviz tal-Hlas flimkien mal-i"Statement of Taxpayer's Account" mid-Direttur fis-sitta (6) ta' Lulju 2018, (hawn anness u mmarkat bhala Dok. A), liema interpellanza ma gietx kontestata mill-attur;*

*ILLI b'risposta ghall-istqarrija infondata fir-rikors guramentat promotur, li d-Direttur konvenut naqas milli jsegwi d-disposizzjonijiet tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe, illi l-Avviz ta' Hlas in kwistjoni qatt ma gie notifikat lis-Sur Grima f'ismu personali, l-esponenti jsostni illi n-notifika surreferit saret permezz ta' posta registrata u dan kif ser jigi debitament ippruvat tul il-mori tal-kawza u dunque t-taxxa, u interessi huma dovuti fl-intjier taghhom;*

*ILLI inoltre Artikolu 73(2) dwar l-avvizi u n-notifiki taghhom jaqra:*

*Kull avviż li huwa meħtieġ li jingħata mill-Kummissarju jew minn xi persuna oħra taħt dan l-Att jista' jiġi notifikat lil persuna sew personalment sew billi jintbagħat bil-posta. Kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviż mibgħut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviż kien ġie indirizzat u impostat sew u għandu jitqies li jkun ġie notifikat (...);*

*ILLI barra minn hekk in-notifika tal-Ittra Ufficcjali tat-tnejn u ghoxrin (22) t'Ottubru 2018 kienet ta' success stante li intavolaw il-proceduri odjerni, u ghalhekk is-Sur Grima ma jistax joqghod jaghzel u jiddeciedi b'liema avvizi mahruga mid-Dipartiment gie notifikat u b'liema ma giex skont ma jaqbillu;*

*ILLI id-Direttur konvenut ma jaqbilx mal-eccezzjonijiet imreqssin mill-attur fir-rikors promotur, stante li jirreferu ghall-istess procedura li tintuza mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq Valur Mizjud ai termini tal-Art. 59 tal-Kap 406 fejn ma hemm l-ebda kontestazzjoni, liema artikolu jghid li:-*

> *"59.(1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili*

> *(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta'talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju (...)"*

*ILLI peress li l-Avviz sufferit inhareg mid-Direttur konvenut kif diga elenkat hawn fuq, u qatt ma gie kontestat mill-attur, id-Direttur konvenut segwa l-procedura koretta ai termini tal-ligi;*

*ILLI fir-rikors promotur ir-rikorrenti jirreferi għas-sentenza mogħtija nhar l-Erbgħa 27 t'April, 2016, mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet Aluminium Extrusions Limited u Raymond Borg vs Direttur Ġenerali (Taxxa Fuq il-Valur Miżjud) iżda jonqos milli jindika l-fatt illi f'dak il-każ, kuntrarjament għal dak odjern, il-Kummissarju tat-Taxxi għażel li joħroġ stima u dan, fil-kliem tal-istess Qorti tal-Appell, "għaliex ma ntbagħtitx denunzja ta' taxxa jew għaliex intbagħtet denunzja ta' taxxa li l-appellat ma qabilx magħha";*

*ILLI fil-fatt, fil-każ odjern, il-Kummisarju tat-Taxxi ma ħareg l-ebda stima ta' taxxa u l-bilanc huwa kollu ibbazzat fuq taxxa ddikjarata u mhux imhallsa, penali u interessi;*

*ILLI fir-rigward punti Vb u Vc, VIb u VIc tar-rikors promotur l-ligi ma tipprovdix li i. L-avviz u t-talba ghall-hlas iridu jsiru f'dokumenti separati; u li, ii. L-ewwel irid jintbaghat l-avviz u wara t-talba ghall hlas Sentenza Mizzi Desmond Et Vs Direttur Generali Tat-Taxxi Fuq Il-Valur Mizjud (164/2013 AE);*

*ILLI rigwardanti l-punt VIIb tar-rikors promotur, ir-rikorrenti mhux qed ikun konsistenti peress li qieghed jaccetta li kien gie nnotifikat bl-avviz ghall-hlas, pero jargumenta illi l-imsemmi avviz mhux validu ai termini tal-ligi peress li l-hin moghti ghall-hlas tal-ammont dovut kien ta' hamest ijiem – argument li ukoll mhuwiex korrett peress li t-terminu li fieh seta' joggezzjona kien ta' tletin gurnata hekk kif ipprovdut fil-Kap. 406 tal-ligijiet ta' Malta;*

*ILLI dak li hu kontenut fl-avviz ghall-hlas u cioe, it-talba ghall-hlas fi zmien hamest ijiem mid-Direttur konvenut, ma jfissirx li kienu ha jinfethu proceduri legali immedjatament fil-konfront tal-attur, u bl-ebda mod naqas mid-drittijiet tal-attur li ihallas l-ammont dovut minnu fiz-zmien moghti bil-ligi, pero kien biss fin-natura tieghu, avviz li l-ammont hu dovut mill-attur;*

*ILLI nonostante id-dritt moghti lill-attur bil-ligi ghall-kontestazzjoni tal-ammont imsemmi, l-istess attur xorta ma kkontestax l-ammont dovut minnu fi zmien tletin (30) jum, u ghaldaqstant xorta ddecieda li ma jezercita d-dritt pprovdut lilu tramite l-Kap. 406 tal-ligijiet ta' Malta u*

*ghalhekk ghaldarbohra jinghad illi mhuwiex car u konsistenti l-argument li qed jigi mqajjem fil-punt VIIb tar-rikors promutur; ;*

*ILLI finalment id-Direttur Konvenut, fin-nota ntavolata fl-atti tal-Kontromandat ta' Sekwestru 1074/18, l-attur kienet diga' ngibditlu l-attenzjoni li kellu numru ta' pendenzi, specifikament numru ta' ammonti dovuti mill-istess Sur Grima relatati ma' snin ohra, (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B) u ghalhekk li kieku s-Sur Grima kien ta' bona fede, kien fl-interess tieghu li mill-ewwel javvicina lid-Dipartiment tal-VAT sabiex il-kwistjonijiet pendent jigu risolti*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad fl-intjier tieghu r-rikors mressaq minn Joseph Grima intavolat nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru 2018 u notifikat nhar is-sittax (16) ta' Jannar 2019 bl-ispejjez a karigu tal-istess Joseph Grima".*

5. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Novembru 2020, l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut u ċaħdet it-talbiet tal-attur. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu għal dik id-deċiżjoni huma:

*"Fis-6 ta' Lulju 2018 id-Direttur konvenut baghat lil Joseph Grima avviz tal-hlas u dan ghas-somma ta' mija wiehed u hamsin elf, mija u sitta u ghoxrin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€151,126.48). Flimkien ma' dan l-avviz intbaghat ukoll Statement of Taxpayer's Account li jindika l-ammonti dovuti f'perjodi differenti bejn l-1 ta' Lulju 2016 u l-1 t'April 2017. In segwitu ghall-avviz kif ukoll ir-rendikont, id-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud interpella lil Joseph Grima b'ittra ufficjali datata 22 t'Ottubru 2018 sabiex fi zmien jumejn min-notifika jghaddi sabiex ihallas is-somma fuq imsemmija. Permezz ta' din l-ittra, l-attur gie ukoll informat li l-interpellazjoni kienet qieghda ssir sabiex trendi esegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu l-istess Direttur Generali. Is-Sur Grima izda hassu aggravat b'din l-ittra ufficcjali u intavola l-azzjoni odjerna fejn qieghed jikkontesta l-procedura użata mid-Direttur Generali sabiex dan jikseb titolu ezekuttiv.*

*...*

*Mill-qari tal-premessi fir-rikors guramentat jirrizulta li l-ilment tal-attur jista' jigi diviz fi tnejn – (a) id-dokumenti li bihom kellu jigi notifikat qabel id-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud seta' jivvanta li ghandu titolu ezekuttiv kontra l-attur; u (b) n-notifika per se.*

*Din il-Qorti ser tibda billi tittratta l-ewwel ilment u cioe b'liema dokumenti kellu jigi notifikat Joseph Grima sabiex jigi determinat li d-Direttur konvenut kiseb titolu ezekuttiv.*

*L-attur jaghmel distinzjoni bejn "l-avviz" skont l-Artikolu 59 (1) u "n-nota ta' talba ghall-hlas" skont l-Artikolu 59 (2) billi jsostni li ghandhom jigu notifikati separatament.*

*Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-avviz ai termini tas-sub inciz wiehed tal-artikolu 59 u n-nota ta' talba ghall-hlas ai termini tas-subinciz tnejn tal-artikolu 59 mhux mehtieg li jintbghatu separatament kif qed isostni l-attur. In-nota ta' talba ghall-hlas mibghuta mid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tista' tinkludi fiha wkoll l-informazzjoni mehtiega taht l-ewwel sub-artikolu u cioe ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti. Hija prerogattiva tad-Direttur konvenut jekk l-avviz u n-nota jintbaghatux flimkien jew separatament ...*

*Il-Qorti qed tikkonkludi illi l-attur gie validament notifikat kemm b'dokument li juri l-ammont ta' taxxa dovuta kif ukoll it-talba sabiex isir il-hlas. F'dan il-kaz id-Direttur baghat it-talba u maghha gie anness rendikont tat-taxxa dovuta maqsuma f'erba' perjodu – bejn (a) l-1 ta' Lulju 2016 u t-30 ta' Settembru 2016; (b) l-1 t'Ottubru 2016 u l-31 ta' Dicembru 2016; (c) l-1 ta' Jannar 2017 u l-31 ta' Marzu 2017; u (d) bejn l-1 t'April 2017 u t-30 ta' Gunju 2017. L-ammonti imnizzla fir-rendikont jirriflettu t-taxxa dovuta skond kif id-denunzji tal-attur stess u huwa ghalhekk li fil-kaz odjern ma ntbaghtitx l-ebda stima izda l-ammont attwali kif ibbazat fuq id-denunzji maghmula mill-attur innifsu.*

*It-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 59 imbaghad jghaddi sabiex jirregola x'jigri fil-kaz li ma jsirx il-hlas wara li tintbaghat it-talba ghall-hlas. Jekk il-hlas dovut ma jsirx fi zmien tletin (30) jum mid-data tan-notifika tat-talba ghall- hlas, il-Kummissarju tat-Taxxi jista' jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha ta' titolu ezekuttiv wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba ghall-hlas li din id-darba ssir permezz ta' att gudizzjarju. Kien ghalhekk li wara li l-attur naqas milli jhallas l-ammont ta' taxxa dovuta, id-Direttur Generali ghadda sabiex ipprezenta ittra ufficjali fit-22 t'Ottubru 2018 bin-numru tal-att 3700/2018. Din il-Qorti jirrizultalha li din l-ittra giet notifikata lill-atur li min-naha tieghu sussegwentement istitwixxa l-kawza odjerna.*

*Hekk determinat li d-dokumenti kollha mehtiega skont id-dettami tal-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406 gew mahruga mid-Direttur Generali, jehtieg issa jigi determinat jekk dawn gewx notifikati lill-attur. Ta' relevanza f'dan ir-rigward huma t-tieni u t-tielet sub-artikolu tal-Artikolu 73 tal-istess kapitolu ...*

*Minn dan il-provvediment tal-Ligi jirrizulta li d-Direttur Generali tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud jista' jaghzel wiehed minn zewg modi kif avviz mahrug minnu, inkluz ghalhekk stima/i provizorji u/jew finali, jista' jigi notifikat lit-taxpayer. Dan jista' jsir billi l-avviz in kwistjoni jigi notifikat lit-taxpayer personalment, u cioè billi jithalla direttament f'idejn it-taxpayer jew inkella ma' persuna awtorizzata li tircievi l-komunikazzjonijiet ghan-nom tieghu, jew inkella billi tali avviz jintbaghat bil-posta, f'liema*

*eventwalità japplika dak provdut fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 73 għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' meta l-avviż ikun effettivament ġie notifikat.*

*Mill-provi prodotti mill-atturi stess jirrizulta li huwa gie notifikat kemm bit-talba ghal hlas li mieghu kien hemm ukoll elenku tal-ammonti ta' taxxa li huma dovuti kif ukoll bl-ittra ufficcjali. Dan jirrizulta mix-xhud Manfred Barbara li pprezenta dik hekk imsejha pink card li tindika li l-attur gie fil-fatt notifikat fis-26 ta' Lulju 2018 bl-atti tas-6 ta' Lulju 2018.*

*Kien jispetta lill-attur li jgib prova kuntrarja ghax-xhieda dwar notifika lilu. Ghalkemm qatt ma giet espressament senjalata mill-attur ghaliex huwa waqaf jidher quddiem il-Qorti u naqas milli jipprezenta kemm affidavit tieghu kif ukoll nota ta' sottomissjonijiet, mix-xhieda li huwa ressaq huwa jidher li ha d-difiza li huwa ma giex validament notifikat ghaliex ma baqax jirrisjedi fil-post li intbaghtu d-dokumenti, u cioe fil-post li toqghod ommu fih. L-attur m'ghandux ragun.*

*Skont l-Artikolu 13 (8) tal-Kapitolu 406 persuna reġistrata skont l-Artikoli 10, 11 jew 12 ghandha tavża bil-miktub lill-Kummissarju tat-Taxxi bi kwalunkwe bdil fic-cirkostanzi li jista' jkollu effett fuq il-partikolaritajiet dikjarati fl-applikazzjoni ghar-registrazzjoni, li jinkludi ghalhekk bdil fl-indirizz postali u dan ghandu jsir fi zmien hmistax-il jum minn dak il-bdil. Kien ghalhekk id-dover tal-attur li jekk verament l-indirizz privat tieghu kien inbidel javza lid-Dipartiment koncernat b'din il-bidla. Din il-Qorti izda tqis li l-attur fil-mori tal-kawza qatt ma gab prova li juri li huwa fil-fatt kien informa lid-Direttur konvenut b'din il-bidla. Il-prezunzjoni tal-ligi fl-Artikolu 73 (3) ghandha tmur favur id-dipartiment u kontra l-attur li naqas fl-obbligu impost fuqu mil-ligi li javza lid-dipartiment bi bdil fl-indirizz.*

*Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-ittra ufficcjali, ghalkemm ma giet ipprezentata l-ebda kopja ta' riferta pozittiva, kif ammess mill-attur stess fir-rikors promotur tieghu huwa gie notifikat biha altrimenti ma kinitx tigi intavolata din il-procedura.*

*In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tasal sabiex tikkonkludi li l-attur gie validament notifikat bl-avviz li juri l-ammont ta' taxxa dovuta, bit-talba ghal hlas kif ukoll bl-att gudizzjarju u din saret skont il-ligi billi l-atti thallew fl-indirizz dikjarat mill-attur fl-applikazzjoni tieghu.*

*Hekk sorvolata l-kwistjoni ta' notifika, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-argument tal-attur maghmul fil-premessa VII b) fejn qieghed jinghad li l-avviz ma sarx skont il-ligi billi l-attur gie interpellat ihallas fi zmien hamest ijiem meta l-ligi tippermetti tletin gurnata.*

*L-ittra mibghuta lil Joseph Grima fis-6 ta' Lulju 2016 taqra hekk:*

> *"According to the Department's records, the above-mentioned VAT number has a tax balance of €151,126.48 in respect of Value Added Tax (1998) (vide Statement of Taxpayer's Account attached).*
>
> *You are being requested to pay this amount within 5 days from receipt of this letter.*
>
> *If payment is not effected, legal proceedings may be initiated against you, in order to recoup these funds [...]"*

*Certament li ma jistax jigi negat li d-Direttur konvenut m'ghamel l-ebda referenza ghat-tletin gurnata fl-ittra tieghu u talab li l-hlas ghandu jsir fi zmien hamest ijiem. Però din l-ittra tkompli tghid li "This notice is also being issued in terms of Article 59 of Chapter 406 of the Laws of Malta." Skont l-Artikolu 59 id-Direttur Generali ma jistax jipprocedi biex jezegwixxi t-titolu ezekuttiv wara hamest ijiem u dan ghaliex dan isir ezegwibbli wara li jghaddu tletin gurnata mid-data tan-notifika tat-talba ghall-hlas.*

*Il-konvenut ma kellu l-ebda obbligu li jindika terminu wara kemm l-attur kellu jhallas l-ammonti minnu dovuti stante li dawn kienu gia' dovuti. Il-verita' hi li l-attur la hallas wara hamest ijiem, la hallas wara tletin jum, u lanqas hallas fil-mori tal-kawza. Li tipprovdi l-ligi hu li l-konvenut ma jistax jikkonsidra li ghandu titolu ezekuttiv qabel jghaddu tletin jum min-notifika ta' nota ta' avviz ghall-hlas.*

*Il-Qorti ma ssib xejn fl-atti li tirrendi null it-titolu ezekuttiv vantat mill-konvenut fil-konfront tal-attur".*

6. Bir-rikors tal-appell ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2020 il-konvenut talab lil din il-Qorti:

> *"tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet hawn fuq premessi, u tgħaddi sabiex, prevja li tiċħad ir-risposta ġuramentata tal-appellat fl-intier tagħha, tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti fir-rikors ġuramentat promutorju tal-kawża, u dan bl-ispejjeż kollha, kemm tal-ewwel istanza u kemm tal-preżenti istanza, ikunu unikament a karigu tal-istess appellat".*

7. Il-konvenut wieġeb illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-attur.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>:**

8. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u>, l-attur jisħaq li hemm differenza bejn avviż u n-nota ta’ talba għall-ħlas u li għalhekk, kuntrarjament għal dak deċiż mill-ewwel Qorti, għandhom jiġu notifikati lit-*taxpayer* separatament fi żminijiet differenti. B’referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Aluminium Extrusions Limited et v. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)** isostni li l-ewwel trid tinħareġ l-istima, li tiġi notifikata lit-*taxpayer,* li mbagħad ikollu tletin jum sabiex jikkontestaha. Jgħid li huwa biss fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni li l-avviż *a tenur* tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 ikun titolu eżekuttiv. Żied li jekk dak il-ħlas jibqa’ ma jsirx, il-ħlas ta’ taxxa u penali jista’ jintalab permezz ta’ nota ta’ talba għall-ħlas u l-pagament relattiv irid isir fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika tat-*taxpayer*. Jekk dak il-ħlas jibqa’ ma jsirx tista’ mbagħad tinħareġ ittra uffiċjali a tenur tal-Artikolu 59(2) u wara jumejn min-notifika l-appellat jista’ jgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv. Jisħaq li f’dan il-każ din il-proċedura ma ġietx segwita u għalhekk il-pretensjoni tal-konvenut hi ntempestiva.

9. Trid issir distinzjoni bejn it-Taqsima V tal-Kap. 406 (il-fażi fejn tiġi stabbilita t-taxxa dovuta mill-persuna taxxabbli), u t-Taqsima VIII tal-istess Kap. (il-fażi tal-ġbir). Skont l-Artikolu 27 tal-Kap. 406 huwa l-obbligu ta’ kull persuna reġistrata taħt l-Artikolu 10 tal-istess li tagħmel denunzja lill-Kummissarju (qabel id-Direttur Ġenerali VAT) għal kull

żmien ta' taxxa sa mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara x-xahar li matulu jintemm iż-żmien ta' taxxa relattiv. Meta ma ssirx dik id-denunzja, il-Kummissarju jista' minn jeddu jagħmel stima skont l-Artikolu 31 tal-Kap. 406. Meta d-denunzja ssir, iżda l-Kummissarju jkollu għaliex jaħseb li denunzja ma jkunx fiha dikjarazzjoni sħiħa u korretta tal-informazzjoni meħtieġa, jista' jagħmel stima proviżorja u eventwalment stima *a tenur* tal-Artikolu 32 tal-Kap. 406. F'każ ta' stima ġenerata mill-Kummissarju, il-Kap. 406 jagħti lill-persuna taxxabbli l-jedd ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Artikolu 43) u mis-sentenza kull parti jkollha dritt ta' appell fil-Qorti tal-Appell fuq punt ta' liġi (Artikolu 47). Fejn stima ta' taxxa ma ssirx mill-konvenut u t-taxxa dovuta hija dik dikjarata mill-persuna taxxabbli, ovvjament ir-rimedju ta' appell ma jeżistix. Dan għar-raġuni ovvja li ma jagħmel l-ebda sens li *taxpayer* jikkontesta dikjarazzjoni tiegħu stess. F'każ li *taxpayer* jintebaħ li għamel żball fid-dikjarazzjoni, għandu jippreżenta formola ta' aġġustament. Fejn m'hemmx stima, iżda tqum kwistjoni dwar l-impożizzjoni tal-penali amministrattivi (ara paragrafu (k) tal-Art. 44), *taxpayer* għandu r-rimedju li jagħti l-Artikolu 44. Stabbilita t-taxxa dovuta, japplikaw imbagħad id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VIII dwar il-ġbir.

10. Ladarba l-Kummissarju m'għamilx stima fir-rigward tal-perjodi fiskali in kwistjoni u anzi aċċetta d-denunzji li bagħat l-attur, kull argument tal-attur relatat ma' stimi u appelli hu rrilevanti. Kif diġa` ngħad aktar 'il

fuq, ma jagħmel l-ebda sens li persuna taxxabbli tikkontesta dak li hi stess tkun iddikjarat fid-denunzja. F'dan il-każ aġġustamenti ma sarux (Art. 28). Il-ħlas li jippretendi l-konvenut jikkonsisti f'taxxa u imgħax. Li l-attur jevita milli jgħid hu li t-taxxa dovuta li hu stess iddikjara bħala dovuta u li s'issa għadu ma ħallasx minkejja li jkun ġabar il-VAT mingħad it-terzi.

11. L-Artikolu 59 tal-Kap. 406 jipprovdi illi:

> *"59. (1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzaz-zjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta'talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-attġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar".*

12. Il-verżjoni bl-Ingliż tgħid hekk:

> *"59. (1) Any notice issued by the Commissioner showing any amount of tax and administrative penalty due by a person shall, unless the contrary is proved, be sufficient evidence that that amount is due to the Commissioner by that person and shall constitute an executive title within the meaning and for the purposes of Title VII of Part I of Book Second of the Code of Organization and Civil Procedure.*
>
> *(2) The Commissioner may request the payment of any tax and administrative penalty payable by any person in terms of this Act by means of a demand note, and if the payment requested is not made*

*within thirty days from the date when the said demand note is served on that person, the Commissioner may proceed to enforce payment in virtue of the executive title referred to in sub-article (1) after two days from the service on that person of an intimation for payment made by means of a judicial act. Upon the lapse of the period of two days mentioned in this sub-article the Commissioner shall be entitled to register in the public registry or land registry, as the case may be, a note of privilege for the amount demanded in the judicial act which note of privilege shall be registered by any advocate or notary".*

13. F'subinċiż (1) jingħad f'hix jikkonsisti t-titolu eżekuttiv filwaqt li subinċiż (2) jipprovdi għall-proċedura sabiex it-titolu eżekuttiv isir eżegwibbli. L-*istatement of taxpayer's account* mehmuż mal-ittra tal-Kummissarju datata 6 ta' Lulju 2018 hu avviż li juri l-ammont ta' taxxa dovuta u li ġie notifikat lill-attur, u hu titolu eżekuttiv skont dik id-dispożizzjoni.

14. Il-kwistjoni li jmiss hija jekk dak it-titolu eżekuttiv ġiex reż eżegwibbli.

15. Manfred Barbara xehed li dan sar billi nħarġet l-ittra tas-6 ta' Lulju 2018, meqjusa bħala "*demand note",* u flimkien magħha ġie anness l-*istatement of taxpayer's account,* ċioe` l-avviż skont l-Artikolu 59(1). Dawn intbagħtu lill-attur permezz tal-posta reġistrata fl-indirizz li l-attur kien ta lid-Dipartiment u skont l-*advice of receipt* tal-posta, fis-26 ta' Lulju 2018 tqassmu f'dak l-indirizz.[10] Iffirmat għalihom omm l-attur.[11] Il-ħlas

[10] Fol. 33.
[11] Fol. 38.

ma sarx. Imbagħad fit-22 ta' Ottubru 2018 il-konvenut ippreżenta l-ittra uffiċjali li l-attur qiegħed jikkontesta f'din il-kawża.[12]

16. L-attur isostni li n-nota ta' talba għall-ħlas/*demand note* li għaliha jirreferi s-sub-artikolu (2) ma setgħetx issir kontestwalment mal-avviż li jikkostitwixxi t-titolu eżekuttiv innifsu, iżda kellha ssir u tiġi notifikata lilu separatament, fi stadju sussegwenti. F'dan ir-rigward irrefera għas-sentenza fl-ismijiet **Aluminium Extrusions Limited et v. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)** li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat fis-27 ta' April 2016.

17. Kif qalet l-ewwel Qorti, m'hemm xejn fl-Artikolu 59 li jista' jwassal għall-konklużjoni li l-avviż/*notice* li jissemma f'subinċiż (1) u n-nota ta' talba għall-ħlas / *demand note* li tissemma f'subinċiż (2) ikollhom jintbagħtu fi żminijiet differenti. Dan apparti li dik is-sentenza kienet titratta każ fejn it-*taxpayer* kienet qiegħda tikkontesta l-istima maħruġa mill-Kummissarju quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Il-każ li għandna llum hu dwar taxxa dovuta mill-attur bażat fuq dak li hu stess iddikjara fid-denunzji.

18. Jirriżulta li kważi tliet xhur wara n-notifika tan-nota ta' talba għall-ħlas u tal-*istatement of taxpayer's account* mehmuż miegħu (26 ta' Lulju

[12] Fol. 6.

2018), il-konvenut ippreżenta l-ittra uffiċjali (22 ta' Ottubru 2018). Fil-frattemp l-attur m'għamel xejn sabiex iwaqqa' t-titolu eżekuttiv u li sar eżegwibbli jumejn wara n-notifika tal-ittra uffiċjali.

19. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

20. Permezz tat-tieni aggravju l-konvenut jargumenta illi kemm l-avviż u kemm l-ittra uffiċjali ntbagħtu fl-indirizz *"Redentur House", Triq il-Kosbor, Ħaż-Żebbuġ, Malta* u tħallew ma' ommu. Iżda hemm prova li f'Ġunju tal-2016, sentejn qabel ma ħarġu l-avviżi u l-ittra uffiċjali, l-indirizz tiegħu nbidel fir-Reġistru Elettorali u ma baqax residenti f'dak l-indirizz. Għalhekk, skontu, il-preżunzjoni taħt l-Artikolu 73 tal-Kap. 406 ġiet megħluba. Jilmenta wkoll li lanqas ġiet preżentata riferta pożittiva tal-ittra uffiċjali.

21. L-Art. 73 jipprovdi:

> *"73. (1) Kull avviż li jingħata mill-Kummissarju taħt dan l-Att ta' avviż, eċċ., għandu jiġi ffirmat mill-Kummissarju nnifsu jew minn persuna jew persuni minnu awtorizzati u kull avviż bħal dak ikun validu jekk il-firma tkun stampata, ittimbrata jew miktuba fuq dak l-avviż.*
>
> *(2) Kull avviż li huwa meħtieġ li jingħata mill-Kummissarju jew minn xi persuna oħra taħt dan l-Att jista' jiġi notifikat lill-persuna sew personalment sew billi jintbagħat bil-posta. Kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviż mibgħut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviż kien ġie indirizzat u impostat sew u għandu jitqies li jkun ġie notifikat, fil-każ ta' indirizz f'Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jiġi wara l-jum meta dan ikun ġie impostat, u fil-każ ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jiġi wara dak il-jum meta l-avviż kien jiġi riċevut fil-kors ordinarju tal-posta ...*

*(3) Għall-għanijiet tas-subartikolu (2) avviż jitqies li jkun ġie indirizzat sew jekk dan ikun ġie indirizzat:*

*(a) fi kwalunkwe indirizz magħruf tan-negozju jew privat ta' persuna; jew*

*(b) f'indirizz elettroniku provdut minn persuna għal dan il-għan skont regolamenti li l-Ministru jista' jippreskrivi".*

22. F'dan il-każ l-avviż intbagħat fl-indirizz stess li ta l-attur meta applika biex ikun reġistrat skont il-Kap. 406. Indirizz li baqa' jidher fid-denunzji li hu stess bagħat fil-15 ta' Novembru 2016, 15 ta' Frar 2017, 15 ta' Mejju 2017 u 15 ta' Awwissu 2017[13]. Dan minkejja li fir-Reġistru Elettorali (1 ta' Ġunju 2016)[14] kien inbidel l-indirizz. Ladarba l-konvenut ma rreġistrax l-istess *change of address* mal-appellat, isegwi li minkejja li huwa ma baqax jirrisjedi fl-indirizz ta' Ħaż-Żebbuġ, ried li jkompli jirċievi l-korrispondenza fiskali tiegħu f'dak l-indirizz.

23. L-avviż / *statement of taxpayer's account* intbagħat bil-posta reġistrata proprju f'dak l-indirizz u omm il-konvenut iffirmat għalih. Għalhekk, mhux biss hemm prova li l-avviż / *statement of taxpayer's account* ġie "*indirizzat u impostat sew*" iżda wkoll li ngħata lil ommu.

24. Aktar minn hekk, la l-konvenut u lanqas ommu ma xehdu f'din il-kawża u ma tirriżulta l-ebda raġuni fil-liġi għalfejn in-notifika mhijiex valida. Wara kollox, l-ittra uffiċjali tat-22 ta' Ottubru 2018 ukoll intbagħtet

[13] Fol. 78 *et seq.*
[14] Fol. 69.

fl-indirizz ta' Ħaż-Żebbuġ u skont ir-riferta ġiet notifikata fis-26 ta' Ottubru 2018. Tant dak l-att ġudizzjarju wasal għand l-attur li fil-31 ta' Ottubru 2018 fetaħ din il-kawża. In-notifika saret fl-indirizz li l-attur stess ta lid-Dipartiment u m'hemmx provi li juru li l-attur għarraf lid-Dipartiment li kien bidel l-indirizz.

25. Għalhekk tiċħad ukoll dan l-aggravju.

26. Permezz tat-tielet aggravju l-konvenut jilmenta mill-fatt illi n-nota ta' talba għall-ħlas maħruġa mill-konvenut fil-konfront tiegħu nterpellatu għall-ħlas fi żmien ħamest (5) ijiem u dan minkejja li "*l-artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta ... jippermetti lit-taxpayer terminu ta' tletin (30) ġurnata ... sabiex jiġi kontestat jew sabiex jħallas kwalsiasi ammont dovut".*

27. Jiġi mtenni li l-Artikolu 59(2) tal-Kap. 406 jirregola biss il-mod kif it-titolu eżekuttiv li għalih jirreferi l-ewwel sub-artikolu, jiġi reż eżegwibbli. It-tletin jum li jingħataw bejn in-notifika tad-*demand note* u l-ħruġ tal-ittra uffiċjali qegħdin hemm biex jagħtu ċans lill-persuna taxxabbli tħallas dak dovut.

28. Il-Qorti tosserva:-

28.1. Il-liġi ma tgħidx li d-*demand note* trid tispeċifika li hemm terminu ta' 30 jum għall-ħlas. Tgħid biss li jekk il-ħlas ma jsirx fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika ta' dik id-*demand note* l-Kummissarju jista' jipproċedi għall-ġbir wara jumejn min-notifika tat-*taxpayer* b'talba għall-ħlas li ssir b'att ġudizzjarju;

28.2. Id-*demand note* in kwistjoni tispeċifika li saret *a tenur* tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk il-konvenut seta' faċilment jivverifika, *tramite* l-*accountant* jew l-avukat tiegħu, it-terminu għall-ħlas u l-proċedura tal-ġbir relattiva;

28.3. l-ittra uffiċjali li segwiet dik id-*demand note* ġiet preżentata kważi <u>tliet xhur</u> wara u għalhekk il-konvenut kellu ferm iktar minn tletin jum sabiex iħallas. Madankollu baqa' ma ħallas xejn minkejja li kien ġabar it-taxxa fuq il-valur miżjud mingħand in-nies.

29. Huwa evidenti għalhekk li l-ilment tal-konvenut għaliex fin-nota ta' talba issemmew biss ħamest ijiem minflok it-tletin li tagħti l-liġi ma kien ta' ebda konsegwenza għaliex il-konvenut kien u għadu moruż fil-ħlas tat-taxxa li hu stess iddikjara.

30. Għaldaqstant, tiċħad l-aggravju.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż huma kollha a karigu tal-attur li għandu jħallashom għal darbtejn (Art. 223(4) tal-Kap. 12) peress li l-appell hu fieragħ.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm